C/2023/1599

22.12.2023

Statuti tal-Arranġament għall-Frekwenzi Baxxi tal-Firxa ta' Frekwenza Baxxa (LOFAR ERIC)

(C/2023/1599)

Werrej

Paġna

PREAMBOLU 3
KAPITOLU 1 - ELEMENTI ESSENZJALI 3
Artikolu 1 **Il-forma u l-isem legali** 3
Artikolu 2 **Sede statutorja** 3
Artikolu 3 **Kompiti u attivitajiet** 3
Artikolu 4 **It-tul ta' żmien u l-proċedura għall-istralċ** 4
Artikolu 5 **Responsabbiltà u assigurazzjoni** 5
Artikolu 6 **Politika ta' aċċess għas-servizzi tal-LOFAR ERIC** 5
Artikolu 7 **Politika dwar l-evalwazzjoni xjentifika** 5
Artikolu 8 **Politika dwar id-disseminazzjoni** 5
Artikolu 9 **Politika dwar id-Drittijiet ta' Proprjetà Intellettwali** 6
Artikolu 10 **Politika dwar l-impjieg** 6
Artikolu 11 **Politika dwar l-akkwist** 6
KAPITOLU 2 – DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI 6
Artikolu 12 **Definizzjonijiet** 6
Artikolu 13 **Lingwa ta' ħidma** 7
KAPITOLU 3 – SĦUBIJA U STATUS TA' OSSERVATUR 7
Artikolu 14 **Sħubija, status ta' osservatur u entità rappreżentanti** 7
Artikolu 15 **Il-kundizzjonijiet biex issir Membru jew Osservatur** 8
Artikolu 16 **L-irtirar ta' Membru jew ta' Osservatur** 8
KAPITOLU 4 – DRITTIJIET U OBBLIGI TAL-MEMBRI U TAL-OSSERVATURI 9
Artikolu 17 **Drittijiet u obbligi tal-Membri** 9
Artikolu 18 **Drittijiet u obbligi tal-Osservaturi** 9
KAPITOLU 5 – IL-PARTEĊIPAZZJONI TAL-ORGANIZZAZZJONIJIET KOLLABORATTIVI 10
Artikolu 19 **Il-parteċipazzjoni tal-Organizzazzjonijiet Kollaborattivi** 10
KAPITOLU 6 – MUDELL TA' FINANZJAMENT U KONTRIBUZZJONI 10
Artikolu 20 **Riżorsi Finanzjarji** 10
Artikolu 21 **Kontribuzzjonijiet** 10
Artikolu 22 **Pjan Finanzjarju** 11
Artikolu 23 **Prinċipji baġitarji, kontijiet u awditjar** 11
Artikolu 24 **Eżenzjonijiet mit-taxxa u mid-dazju tas-sisa** 11
Artikolu 25 **Dekummissjonar** 12
KAPITOLU 7 - GOVERNANZA 12
Artikolu 26 **Kunsill** 12
Artikolu 27 **Teħid ta' deċiżjonijiet fil-Kunsill** 13

Artikolu 28 **Direttur Eżekuttiv** 14
Artikolu 29 **Uffiċċju ta' Koordinazzjoni u Appoġġ** 14
Artikolu 30 **Kumitat Konsultattiv Xjentifiku** 14
Artikolu 31 **Kumitat Finanzjarju** 15
KAPITOLU 8 – MIXXELLANJI 15
Artikolu 32 **Politika dwar id-*data*** 15
Artikolu 33 **Politika dwar l-Implikazzjonijiet Etiċi, Legali u Soċjali** 15
Artikolu 34 **Rapportar lill-Kummissjoni Ewropea** 15
Artikolu 35 **Liġi applikabbli** 16
Artikolu 36 **Tilwim** 16
Artikolu 37 **Aġġornamenti u disponibbiltà tal-istatuti** 16
Artikolu 38 **Dispożizzjonijiet dwar it-twaqqif** 16
ANNESS I: Lista ta' Membri u Osservaturi tal-LOFAR ERIC u l-Entitajiet Rappreżentanti tagħhom 17
ANNESS II: Pjan Finanzjarju tal-LOFAR ERIC 18

PREAMBOLU

Il-LOFAR (l-Arranġament għall-Frekwenzi Baxxi) hija infrastruttura ta' riċerka distribwita ewlenija fid-dinja, b'faċilitajiet imħaddma b'mod koeżiv li jinsabu f'diversi pajjiżi, kif spjegat fid-dettall fl-Anness Tekniku u Xjentifiku.

Fl-2022, l-infrastruttura LOFAR hija operattiva bis-sħiħ għar-riċerka dwar l-astronomija tar-radju mill-komunità xjentifika internazzjonali, permezz ta' Stichting ILT (International LOFAR Telescope, minn hawn 'il quddiem imsejħa "ILT"), fondazzjoni skont il-liġi tal-NL, b'rappreżentanza mis-sħab kollha, f'disa' pajjiżi Ewropej, li lokalment għandhom xi faċilitajiet ta' LOFAR. L-istrateġija fit-tul tal-ILT hija li tkompli tiġi offruta infrastruttura ta' riċerka avvanzata għal komunità tax-xjenza wiesgħa; fl-2022 l-ILT qed tħejji aġġornament ambizzjuż għall-hardware u għas-software (LOFAR2.0, deskritt fl-Anness Tekniku u Xjentifiku).

It-twaqqif tal-LOFAR ERIC intalab mill-ILT wara li tqiesu l-għadd dejjem jiżdied ta' sħab, il-viżjoni konġunta fit-tul sabiex l-infrastruttura tkompli tiġi żviluppata u mħaddma b'mod koeżiv, u l-evoluzzjoni usa' tal-infrastrutturi Ewropej tar-riċerka. B'mod partikolari, sabiex l-ILT tiġi sostitwita bil-LOFAR ERIC, huwa rikonoxxut dan li ġej:

— il-LOFAR ERIC jiddefinixxi u jimplimenta strateġija komuni fit-tul, ġbir konġunt ta' fondi u prijoritizzazzjoni konsistenti tal-isforz ta' żvilupp, kif ukoll l-ottimizzazzjoni tad-disponibbiltà tas-sieħeb kollettiv u tal-faċilitajiet li huma proprjetà tal-LOFAR ERIC (inklużi r-riżorsi tas-sensuri, tal-komputazzjoni u tal-ħżin tad-*data*) li jifformaw l-infrastruttura tar-riċerka tal-LOFAR.

— Il-LOFAR ERIC huwa l-mezz xieraq biex jattira u jikkonsolida s-sħab b'firxa ta' livelli ta' involviment, u biex jistabbilixxi u jżomm politiki ċari fit-tul u stabbiltà tal-finanzjament għall-organizzazzjoni u għall-infrastruttura tagħha kollha kemm hi.

— Il-LOFAR ERIC, appoġġjat fil-livell (multi-)nazzjonali, iġib viżibbiltà u rikonoxximent xierqa fil-livell nazzjonali u f'dak Ewropew, filwaqt li jiffaċilita djalogu ma' dawk li jfasslu l-politika tax-xjenza u mal-finanzjaturi fil-qasam tax-xogħol tiegħu.

— Il-LOFAR ERIC, bil-faċilitajiet uniċi u avvanzati tiegħu, għandu rwol kontinwu li jiżgura u jistimula l-vitalità tal-komunità Ewropea tax-xjenza.

KAPITOLU 1

Elementi Essenzjali

Artikolu 1

Il-forma u l-isem legali

Għandu jiġi stabbilit Konsorzju għal Infrastruttura Ewropea ta' Riċerka. Dan il-Konsorzju għandu jkollu l-forma legali ta' Konsorzju għal Infrastruttura Ewropea ta' Riċerka (ERIC) inkorporat taħt id-dispożizzjoni tar-Regolament (KE) Nru 723/2009 kif emendat bir-Regolament (UE) Nru 1261/2013 (minn hawn 'il quddiem "ir-Regolament ERIC") u jingħata l-isem "LOFAR ERIC".

Artikolu 2

Sede statutorja

Il-LOFAR ERIC għandu jkollu s-sede statutorju tiegħu fi Dwingeloo, in-Netherlands; minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "Pajjiż Ospitanti".

Artikolu 3

Kompiti u attivitajiet

1. Il-kompitu prinċipali tal-LOFAR ERIC għandu jkun li jiżgura l-isfruttament ikkoordinat tal-infrastruttura tal-LOFAR, li jipproduċi riċerka xjentifika ta' klassi dinjija u li jissokta bl-iżvilupp, bil-għan li jimmassimizza l-produttività u l-impatt għall-Membri u għall-komunità xjentifika internazzjonali, filwaqt li jippożizzjona l-LOFAR ERIC bħala infrastruttura ta' riċerka distribwita ewlenija fid-dinja b'perspettiva fit-tul, li tinsab fil-pajjiżi Membri tal-LOFAR ERIC, kif ukoll f'pajjiżi oħrajn fejn il-LOFAR ERIC iddeċieda li jillokalizza xi whud mill-faċilitajiet tiegħu.

2. Fl-insegwiment tal-kompitu prinċipali tiegħu, il-LOFAR ERIC għandu jwettaq l-attivitajiet li ġejjin:

a. l-iżgurar tal-operat ikkoordinat u l-isfruttament xjentifiku tal-faċilitajiet tal-LOFAR bħala infrastruttura koeżiva, taħt strateġija komuni fit-tul u politiki komuni, għal output xjentifiku massimu u impatt għall-Membri u għall-komunità internazzjonali;

b. l-għoti ta' aċċess effettiv għas-servizzi tax-xjenza tal-LOFAR ERIC għall-komunità tal-utenti, li jinkorporaw prinċipji ta' rieżami bejn il-pari u prinċipji ta' xjenza miftuħa;

c. l-operat ġenerali tal-LOFAR ERIC, li jkopri aspetti legali, ta' governanza u finanzjarji;

d. il-parteċipazzjoni fi proġetti ffinanzjati mill-UE, (multi-)nazzjonali u minn partijiet terzi oħrajn li huma konformi mal-għanijiet tal-LOFAR ERIC.

3. il-LOFAR ERIC jista' jwettaq ukoll l-attivitajiet li ġejjin:

a. l-insegwiment ta' aktar żvilupp tal-infrastruttura tal-LOFAR, u tal-faċilitajiet u l-kapaċitajiet xjentifiċi relatati;

b. it-twettiq ta' djalogu strateġiku biex jiġi ottimizzat ir-rwol tal-LOFAR ERIC fil-komunità tax-xjenza globali;

c. l-iżvilupp ta' sħubijiet u soċjetajiet ġodda kif stabbilit fl-Artikoli 14 u 19;

d. il-promozzjoni tal-interessi tal-LOFAR ERIC fir-rigward tal-partijiet ikkonċernati nazzjonali, Ewropej u internazzjonali;

e. it-tiftix ta' aktar sorsi ta' finanzjament, b'mod partikolari iżda mhux limitat għal aġġornamenti u estensjonijiet;

f. it-trawwim ta' taħriġ, sensibilizzazzjoni u kooperazzjoni internazzjonali;

g. kwalunkwe attività relatata oħra meħtieġa biex jintlaħaq il-kompitu prinċipali tiegħu.

4. Il-LOFAR ERIC għandu jwettaq il-kompitu prinċipali tiegħu fuq bażi mhux ekonomika. Mingħajr preġudizzju għar-regoli applikabbli dwar l-għajnuna mill-Istat, il-LOFAR ERIC jista' jwettaq attivitajiet ekonomiċi limitati, diment li dawn ikunu relatati mill-qrib mal-kompitu prinċipali tiegħu u ma jipperikolawx l-ilħuq tiegħu.

5. Il-LOFAR ERIC għandu jżomm rekord tal-kostijiet u tad-dħul tal-attivitajiet ekonomiċi tiegħu separatament u għandu jitlob prezzijiet tas-suq għalihom, jew, jekk dawn ma jkunux jistgħu jiġu aċċertati, il-kostijiet sħaħ flimkien ma' marġni raġonevoli.

Artikolu 4

It-tul ta' żmien u l-proċedura għall-istralċ

1. Il-LOFAR ERIC għandu jeżisti għal perjodu ta' żmien indefinit, iżda jista' jiġi stralċjat f'konformità mal-proċedura stipulata fil-paragrafi minn (2) sa (6).

2. L-istralċ tal-LOFAR ERIC għandu jiġi deċiż mill-Kunsill f'konformità mal-Artikolu 27(6)(d).

3. Mingħajr dewmien bla bżonn u fi kwalunkwe każ fi żmien għaxart (10) ijiem mill-adozzjoni tad-deċiżjoni li jiġi stralċjat il-LOFAR ERIC, il-LOFAR ERIC għandu jinnotifika lill-Kummissjoni Ewropea dwar id-deċiżjoni.

4. L-assi li jifdal wara l-ħlas tad-djun tal-LOFAR ERIC għandhom jitqassmu fost il-Membri b'mod proporzjonat għall-kontribuzzjoni annwali tagħhom lil-LOFAR ERIC kif speċifikat fl-Artikolu 21.

5. Mingħajr dewmien bla bżonn u, fi kwalunkwe każ, fi żmien għaxart (10) ijiem mill-għeluq tal-proċedura ta' stralċ, il-LOFAR ERIC għandu jinnotifika lill-Kummissjoni Ewropea b'dan.

6. Il-LOFAR ERIC ma għandux jibqa' jeżisti mill-jum li fih il-Kummissjoni Ewropea tippubblika l-avviż xieraq f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Artikolu 5

Responsabbiltà u assigurazzjoni

1. Il-LOFAR ERIC għandu jkun responsabbli għad-djun tiegħu. Il-LOFAR ERIC ma għandux ikun responsabbli għall-obbligazzjonijiet li jirriżultaw mill-operat ta' Faċilitajiet tal-LOFAR bi proprjetà separata.

2. Il-Membri ma għandhomx ikunu responsabbli b'mod konġunt għad-djun tal-LOFAR ERIC. Ir-responsabbiltà finanzjarja tal-membri għad-djun tal-LOFAR ERIC għandha tkun limitata għall-valur tal-kontribuzzjoni annwali rispettiva ta' kull membru individwali kif maqbul fil-baġit annwali.

3. Il-LOFAR ERIC għandu jieħu assigurazzjoni xierqa biex ikopri r-riskji speċifiċi għall-kostruzzjoni u l-operat tal-LOFAR ERIC.

Artikolu 6

Politika ta' aċċess għas-servizzi tal-LOFAR ERIC

1. Il-LOFAR ERIC għandu jipprovdi u jappoġġa opportunitajiet effettivi ta' aċċess tal-utenti għas-servizzi tal-LOFAR ERIC għall-insegwiment ta' riċerka xjentifika. Dawn is-servizzi għandhom jinkludu, fost l-oħrajn: it-twettiq ta' osservazzjonijiet, il-ġenerazzjoni ta' prodotti ta' data xjentifika, it-tmexxija ta' arkivju ta' data xjentifika aċċessibbli għall-pubbliku, appoġġ u taħriġ għall-utenti.

2. Is-servizzi tal-LOFAR ERIC ipprovduti għandhom jitħabbru u jiġu ddokumentati pubblikament, flimkien mal-opportunitajiet ta' aċċess, il-proċeduri u l-kriterji ta' allokazzjoni għal dawn is-servizzi varji.

3. Il-politika ta' Aċċess li tirregola s-servizzi kollha tal-LOFAR ERIC għar-riċerka xjentifika għandha tiġi stabbilita u miżmuma mill-Kunsill, bil-prinċipji tagħha deċiżi skont l-Artikolu 27(6)(b) u l-implimentazzjoni tagħha deċiża skont l-Artikolu 27(5)(e).

4. Il-politika ta' Aċċess tal-LOFAR ERIC għandha tissalvagwardja li, mill-ammont totali tal-baġit għall-operazzjonijiet li jintefaq fuq il-forniment ta' servizzi, il-maġġoranza tkun diretta biex tappoġġa r-riċerka mill-komunità globali. Meta l-aċċess miftuħ jiġi offrut fuq bażi kompetittiva, dan għandu jingħata permezz ta' rieżami xjentifiku indipendenti bejn il-pari.

5. Il-Politika ta' aċċess tal-LOFAR ERIC għandha tissalvagwardja wkoll l-eliġibbiltà għall-Membri kollha tal-LOFAR ERIC biex jibbenefikaw minn Aċċess Riżervat; din se tirregola l-intitolament għal partijiet mill-opportunitajiet disponibbli għall-aċċess tal-utenti għas-servizzi tal-LOFAR ERIC.

Artikolu 7

Politika dwar l-evalwazzjoni xjentifika

L-attivitajiet tal-LOFAR ERIC se jiġu evalwati minn bord indipendenti ta' esperti internazzjonali mill-inqas darba kull 5 snin. Il-protokoll ta' evalwazzjoni (inklużi l-għanijiet, it-termini ta' referenza, il-kompożizzjoni tal-bord u l-proċedura ta' nomina għall-membri tal-bord) għandu jiġi stabbilit mill-Kunsill skont l-Artikolu 27(5)(j). Il-bord jirrapporta lill-Kunsill.

Artikolu 8

Politika dwar id-disseminazzjoni

1. Il-LOFAR ERIC għandu jkun faċilitatur tar-riċerka u, bħala regola ġenerali, għandu jinkoraġġixxi prinċipji ta' xjenza miftuħa għad-*data* tar-riċerka.

2. Il-LOFAR ERIC għandu jħeġġeġ lir-riċerkaturi jagħmlu r-riżultati u d-*data* tagħhom disponibbli għall-pubbliku (aċċess miftuħ) ukoll permezz tal-LOFAR ERIC.

3. Il-LOFAR ERIC għandu juża diversi mezzi biex jilħaq l-udjenzi fil-mira, inklużi portal tal-web, workshops, preżenza fil-konferenzi, artikli u l-media tal-aħbarijiet.

4. Id-*data* xjentifika ġġenerata permezz tas-servizzi tal-LOFAR ERIC se tkun, sa fejn ikun permess legalment, disponibbli u aċċessibbli b'mod miftuħ għal kwalunkwe riċerkaturi, istituzzjonijiet xjentifiċi u partijiet ikkonċernati oħrajn, skont il-politiki tal-Kunsill f'konformità mal-prinċipji tax-xjenza miftuħa u mal-politika tad-*data* kif preskritta fl-Artikolu 32.

Artikolu 9

Politika dwar id-Drittijiet ta' Proprjetà Intellettwali

1. It-terminu "Proprjetà Intellettwali" għandu jinftiehem skont l-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni li tistabbilixxi l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Proprjetà Intellettwali ffirmata fl-14 ta' Lulju 1967.

2. Il-LOFAR ERIC għandu jadotta l-politika tiegħu dwar id-Drittijiet tal-Proprjetà Intellettwali (l-Artikolu 27(5)(h)). Il-LOFAR ERIC għandu jkun is-sid tal-Proprjetà Intellettwali kollha li tirriżulta mill-attivitajiet tiegħu skont dawn l-Istatuti, inkluża, iżda mhux limitata għall-Proprjetà Intellettwali prodotta minn persunal impjegat mil-LOFAR ERIC taħt il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-politika dwar id-Drittijiet tal-Proprjetà Intellettwali tal-LOFAR ERIC, ħlief fejn kopert minn ftehimiet kuntrattwali separati jew fejn il-leġiżlazzjoni obbligatorja jew dawn l-Istatuti jiddikjaraw mod ieħor.

3. Il-Proprjetà Intellettwali ta' sfond tal-membri jew tal-entitajiet rappreżentanti tagħhom għandha tibqa' l-proprjetà tagħhom. Hija għandha tiġi liċenzjata lil-LOFAR ERIC, jekk ikun meħtieġ, u permezz ta' ftehimiet speċifiċi.

4. Il-membri li jikkontribwixxu għas-sehem tagħhom tal-kostijiet għax-xogħol ta' żvilupp magħmul minn Membru/i ieħor/oħrajn jistgħu jużaw il-proprjetà intellettwali li tirriżulta liberament għal skopijiet xjentifiċi biss. Jekk Membru tal-LOFAR ERIC ikun jixtieq juża kwalunkwe proprjetà intellettwali għal gwadann kummerċjali, irid jinkiseb permess mill-Membru sid tal-proprjetà intellettwali.

Artikolu 10

Politika dwar l-impjieg

1. Il-LOFAR ERIC jista' jimpjega persunal. Il-politika dwar l-impjiegi tal-LOFAR ERIC għandha tkun regolata mil-liġijiet tal-pajjiż li fih huwa impjegat il-persunal.

2. Il-proċeduri tal-għażla, ir-reklutaġġ u l-impjieg għall-pożizzjonijiet tal-persunal tal-LOFAR ERIC għandhom ikunu trasparenti, mhux diskriminatorji u jirrispettaw l-opportunitajiet indaqs. Il-pożizzjonijiet kollha fil-LOFAR ERIC għandhom jitħabbru pubblikament.

Artikolu 11

Politika dwar l-akkwist

1. Il-LOFAR ERIC għandu jittratta lill-kandidati tal-akkwisti u lill-offerenti b'mod ugwali u mingħajr diskriminazzjoni, irrispettivament minn jekk dawn ikunux ibbażati fl-Unjoni Ewropea jew le. Il-politika dwar l-akkwist tal-LOFAR ERIC għandha tirrispetta l-prinċipji tat-trasparenza, tan-nondiskriminazzjoni u tal-kompetizzjoni. Għandhom jiġu stabbiliti mill-Kunsill regoli dettaljati dwar il-proċeduri u l-kriterji tal-akkwist.

2. L-akkwist minn Membri u Osservaturi fir-rigward tal-attivitajiet tal-LOFAR ERIC għandu jsir b'tali mod li tingħata l-kunsiderazzjoni dovuta lill-ħtiġijiet, ir-rekwiżiti tekniċi u l-ispeċifikazzjonijiet tal-LOFAR ERIC maħruġa mill-korpi rilevanti.

KAPITOLU 2

Dispożizzjonijiet Ġenerali

Artikolu 12

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dawn l-Istatuti, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

1) "LOFAR": L-Arranġament għall-Frekwenzi Baxxi hija infrastruttura ta' riċerka distribwita ewlenija fid-dinja, b'faċilitajiet imħaddma b'mod koeżiv li jinsabu f'diversi pajjiżi, kif spjegat fid-dettall fl-Anness Tekniku u Xjentifiku;

2) "Il-faċilitajiet tal-LOFAR": l-elementi tekniċi (inklużi l-istazzjonijiet tal-antenna, in-network, il-proċessuri, is-software u l-arkivju), kif spjegat fid-dettall fl-Anness Tekniku u Xjentifiku, kif meħtieġ biex jitwettqu l-kompiti tagħha;

3) Membru": Entità elenkata fl-Artikolu 14(1).

4) "Entità Rappreżentanti": Entità li Membru jew Osservatur ikun ħatar f'konformità mal-Artikolu 14(5) biex tirrappreżenta lil dak il-Membru jew l-Osservatur.

5) "Organizzazzjoni kollaboratriċi": organizzazzjoni tar-riċerka msemmija fl-Artikolu 19;

6) "Programm ta' Ħidma": Pjan ta' 5 snin adottat mill-Kunsill tal-LOFAR ERIC biex jissodisfa l-iskop u l-istrateġija fit-tul tal-LOFAR ERIC, inklużi kwistjonijiet xjentifiċi, teknoloġiċi u amministrattivi. L-għanijiet u l-attivitajiet annwali jiġu stabbiliti mill-Kunsill f'dak il-qafas;

7) "Mudell Finanzjarju": Il-politika li tagħti l-prinċipji għall-kontribuzzjonijiet finanzjarji lil-LOFAR ERIC, inklużi l-kontribuzzjonijiet in natura, tal-Membri u tal-Osservaturi. Il-Mudell Finanzjarju inizjali huwa speċifikat fl-Anness II;

8) "Pjan Finanzjarju": Qafas ta' 5 snin tal-valur u t-twaqqit tar-riżorsi finanzjarji meħtieġa biex jitwettaq il-Programm ta' Ħidma tal-LOFAR ERIC. Il-Pjan Finanzjarju għall-ewwel 5 snin tal-LOFAR ERIC huwa speċifikat fl-Anness II;

9) "Baġits Annwali": L-infiq u l-introjtu previsti biex jitwettqu l-għanijiet u l-attivitajiet annwali tal-LOFAR ERIC fil-qafas tal-Pjan Finanzjarju;

10) "Regoli ta' Proċedura": Ir-regoli li jirregolaw l-organizzazzjoni u l-operat tal-Kunsill tal-LOFAR ERIC, adottati f'konformità mal-Artikolu 27(5)(c);

11) "Maġġoranza Kwalifikata" dwar deċiżjoni proposta f'laqgħa tal-Kunsill, kif preskritt fl-Artikolu 27(5), tinkiseb meta mill-inqas 75 % tal-membri rrappreżentati jivvotaw favur;

12) "Unanimità" fuq deċiżjoni proposta f'laqgħa tal-Kunsill, kif preskritt fl-Artikolu 27, tinkiseb jew meta l-President ikun aċċerta li l-Membri kollha rrappreżentati jkollhom kunsens (kunsens unanimu), jew meta l-ebda wieħed mill-membri rrappreżentati ma jivvota kontra u ma jkunx hemm aktar minn wieħed li jastjenu.

Artikolu 13

Lingwa ta' ħidma

Il-lingwa ta' ħidma tal-LOFAR ERIC għandha tkun l-Ingliż.

KAPITOLU 3

Sħubija u status ta' osservatur

Artikolu 14

Sħubija, status ta' osservatur u entità rappreżentanti

1. L-entitajiet li ġejjin jistgħu jsiru Membri tal-LOFAR ERIC bi drittijiet tal-vot, jew jistgħu jsiru Osservaturi tal-LOFAR ERIC mingħajr drittijiet tal-vot:

a) l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea;

b) il-pajjiżi assoċjati;

c) pajjiżi terzi oħrajn li ma humiex pajjiżi assoċjati;

d) l-organizzazzjonijiet intergovernattivi.

2. Il-kundizzjonijiet sabiex issir Membru jew Osservatur huma stabbiliti fl-Artikolu 15.

3. Is-Sħubija fil-LOFAR ERIC trid tinkludi mill-inqas Stat Membru wieħed u żewġ pajjiżi oħrajn li huma jew Stat Membru jew pajjiż assoċjat.

4. L-Istati Membri jew il-pajjiżi assoċjati għandu jkollhom b'mod konġunt il-maġġoranza tad-drittijiet tal-vot fil-Kunsill. Il-Kunsill għandu jiddetermina kwalunkwe modifika tad-drittijiet tal-vot li huma meħtieġa biex jiġi żgurat li l-LOFAR ERIC ikun konformi ma' dak ir-rekwiżit.

5. Kwalunkwe Membru jew Osservatur imsemmi fil-paragrafi minn 1(a) sa 1(c) jista' jkun irrappreżentat minn entità pubblika waħda jew aktar jew minn entitajiet privati b'missjoni ta' servizz pubbliku, tal-għażla tiegħu stess, u maħtura f'konformità mar-regoli u l-proċeduri tiegħu stess. Kull Membru jew Osservatur għandu jinforma lill-Kunsill bi kwalunkwe bidla fl-entità rappreżentanti tiegħu, bid-drittijiet u l-obbligi speċifiċi li ġew delegati lilu jew bi kwalunkwe bidla rilevanti oħra.

6. Il-Membri u l-Osservaturi tal-LOFAR ERIC u l-entitajiet rappreżentanti tagħhom huma elenkati fl-Anness I. L-Anness I għandu jinżamm aġġornat mid-Direttur Eżekuttiv tal-LOFAR ERIC.

Artikolu 15

Il-kundizzjonijiet biex issir Membru jew Osservatur

1. L-entitajiet imsemmija fl-Artikolu 14(1) li jkunu lesti jsiru Membri tal-LOFAR ERIC għandhom jissottomettu applikazzjoni bil-miktub lill-President tal-Kunsill. Dik l-applikazzjoni għandha tiddeskrivi kif l-entità se tikkontribwixxi għall-kompiti u l-attivitajiet tal-LOFAR ERIC deskritti fil-Programm ta' Ħidma u kif se tissodisfa l-obbligi msemmija fl-Artikolu 17(2). L-ammissjoni tal-entitajiet bħala Membri ġodda għandha tkun soġġetta għall-approvazzjoni mill-Kunsill f'konformità mal-Artikolu 26(9)(e) u mal-Artikolu 27(5)(f).

2. L-entitajiet imsemmija fl-Artikolu 14(1) li jkunu lesti jikkontribwixxu għal-LOFAR ERIC, iżda li għadhom ma humiex f'pożizzjoni li jissieħbu bħala Membri, jistgħu japplikaw għal status ta' Osservatur. L-applikanti għandhom jissottomettu applikazzjoni bil-miktub lill-President tal-Kunsill. Dik l-applikazzjoni għandha tiddeskrivi kif l-entità se tikkontribwixxi għall-kompiti u l-attivitajiet tal-LOFAR ERIC deskritti fil-Programm ta' Ħidma u kif se tissodisfa l-obbligi msemmija fl-Artikolu 18(2). L-ammissjoni tal-Osservaturi għandha tkun soġġetta għall-approvazzjoni mill-Kunsill f'konformità mal-Artikolu 26(9)(e) u mal-Artikolu 27(5)(f). L-applikanti għandhom jiġu ammessi bħala Osservaturi għal perjodu inizjali ta' tliet (3) snin.

3. L-istatus ta' Osservatur jista' jinbidel fi Sħubija fi kwalunkwe ħin wara l-approvazzjoni tal-Kunsill. L-istatus ta' Osservatur jiskadi wara l-perjodu inizjali ta' tliet (3) snin, sakemm estensjoni ma tintalabx u ma tiġix approvata mill-Kunsill, jew meta l-Osservatur isir Membru tal-LOFAR ERIC.

Artikolu 16

L-irtirar ta' Membru jew ta' Osservatur

1. Is-sħubija hija għal minimu ta' ħames (5) snin wara d-dħul tal-membru.

2. Minkejja t-terminu minimu ta' sħubija preskritt fl-Artikolu 16(1), il-Membri u l-Osservaturi jistgħu jirtiraw billi jissottomettu avviż lid-Direttur Eżekuttiv fi żmien tliet (3) xhur wara li tiġi adottata mill-Kunsill żieda fil-kontribuzzjoni annwali li taqbeż il-Pjan Finanzjarju miftiehem. Membru jew Osservatur li jkun ta avviż ta' rtirar mhux se jkun obbligat li jħallas iż-żieda tal-kontribuzzjoni.

3. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 16(1) u għall-Artikolu 16(2), il-membri u l-osservaturi li huma pajjiżi assoċjati, pajjiżi terzi oħrajn li ma humiex pajjiżi assoċjati, jew organizzazzjonijiet intergovernattivi, jistgħu jirtiraw mil-LOFAR ERIC wara bidliet fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 723/2009 li jaffettwaw materjalment id-drittijiet u l-obbligi tagħhom b'rabta mal-LOFAR ERIC. Tali bidliet jitqiesu bħala materjali meta jimplikaw żieda fit-tariffi (inklużi l-kontribuzzjonijiet annwali jew il-kostijiet tad-dekummissjonar), jemendaw l-ishma tal-vot, jimponu rekwiżiti li jmorru kontra l-liġijiet applikabbli skont l-Artikolu 35 ta' dawn l-istatuti, ineħħu d-dritt ta' rappreżentanza fil-Kunsill jew f'kumitati oħrajn, jew ibiddlu d-drittijiet tagħhom relatati mar-rappreżentanza jew l-użu tal-faċilità. L-obbligazzjonijiet u l-effetti tal-irtirar mil-LOFAR ERIC, inkluż is-sehem tal-membru jew tal-osservatur li jirtira fil-kostijiet tad-dekummissjonar tal-LOFAR, għandhom jiġu deċiżi inizjalment f'konformità mal-Artikolu 27(6), soġġett għal vot unanimu tal-Kunsill tal-LOFAR ERIC. Meta l-Kunsill ma jkunx jista' jaqbel b'mod unanimu mal-obbligazzjonijiet u l-effetti, dawn - u kwalunkwe obbligazzjoni oħra - għandhom jiġu ddeterminati skont l-Artikolu 36. Minkejja l-Artikolu 16(1), il-membru jew l-osservatur affettwat għandu (fi żmien 6 xhur mill-bidla rilevanti fir-Regolamenti ERIC) jipprovdi avviż ta' mill-inqas 3 xhur lill-Kunsill dwar l-irtirar tiegħu biex dan jidħol fis-seħħ fi kwalunkwe ħin wara d-dħul fis-seħħ ta' dawn l-Istatuti."

4. Kwalunkwe rtirar tas-sħubija jseħħ fi tmiem sena finanzjarja. Il-Membru huwa obbligat li jinnotifika bil-miktub lid-Direttur Eżekuttiv sa mhux aktar tard mis-sena finanzjarja ta' qabel is-sena finanzjarja tal-irtirar.

5. Kwalunkwe rtirar ta' Osservatur iseħħ fi tmiem sena finanzjarja. L-Osservatur huwa obbligat li jinnotifika bil-miktub lid-Direttur Eżekuttiv mill-inqas sitt (6) xhur qabel id-data tal-irtirar.

6. Il-Membri u l-Osservaturi għandhom jissodisfaw l-obbligi kollha, inklużi dawk finanzjarji, kif issir referenza għalihom fl-Artikolu 17(2) jew 18(2), qabel ma l-irtirar tagħhom isir effettiv.

7. Il-Kunsill jista' jittermina s-sħubija jew l-istatus ta' Osservatur jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

a. il-Membru jew l-Osservatur ikun qed jikser serjament wieħed jew aktar mill-obbligi tiegħu skont dawn l-istatuti;

b. il-Membru jew l-Osservatur ikun naqas milli jirrettifika tali ksur f'perjodu ta' 6 xhur wara li jkun irċieva notifika tal-ksur bil-miktub.

8. Il-Membru jew l-Osservatur imsemmi fil-paragrafu 7 għandu jkollu d-dritt li jispjega l-pożizzjoni tiegħu lill-Kunsill qabel ma l-Kunsill jieħu kwalunkwe deċiżjoni dwar il-kwistjoni.

KAPITOLU 4

Drittijiet u obbligi tal-Membri u tal-osservaturi

Artikolu 17

Drittijiet u obbligi tal-Membri

1. Id-drittijiet tal-Membri għandhom jinkludu:

a. id-dritt li jipparteċipaw u jivvotaw fil-Kunsill;

b. id-dritt li jaħtru Entità Rappreżentanti skont it-termini tal-Artikolu 14(5);

c. id-dritt li l-komunità tar-riċerka tipparteċipa f'avvenimenti tal-LOFAR ERIC, bħal workshops, konferenzi, korsijiet ta' taħriġ;

d. id-dritt li l-komunità tar-riċerka jkollha aċċess għall-appoġġ mil-LOFAR ERIC fl-iżvilupp ta' sistemi, proċessi u servizzi rilevanti;

e. l-eliġibbiltà li jibbenefikaw minn Aċċess Riżervat skont il-politika ta' Aċċess tal-LOFAR ERIC, f'konformità mal-Artikolu 6(5).

2. Kull Membru għandu:

a. jikkontribwixxi parti mill-infrastruttura distribwita jew jagħmel kontribuzzjoni oħra li l-Kunsill jaqbel magħha. Il-kontribuzzjonijiet ta' kull Membru huma stabbiliti fil-Pjan Finanzjarju ppreżentat fl-Anness II, validu għall-ewwel 5 snin tal-LOFAR ERIC;

b. jikkontribwixxi ammont annwali għall-kostijiet ġenerali tal-operazzjonijiet u tal-iżvilupp, tal-LOFAR ERIC, li jikkorrespondi għas-sehem tal-Membru mill-baġit annwali tal-LOFAR ERIC kif approvat mill-Kunsill f'konformità mal-Pjan Finanzjarju ppreżentat fl-Anness II;

c. jipparteċipa fit-teħid ta' deċiżjonijiet dwar il-politiki u l-istrateġija fit-tul għal-LOFAR ERIC f'konformità mal-Artikolu 3(2).

Artikolu 18

Drittijiet u obbligi tal-Osservaturi

1. Id-drittijiet tal-Osservaturi għandhom jinkludu:

a. id-dritt li jattendu l-laqgħat tal-Kunsill u jesprimu l-opinjoni tagħhom dwar l-aġenda tal-Kunsill, iżda ma għandhomx dritt li jivvotaw;

b. id-dritt li jaħtru Entità Rappreżentanti skont it-termini tal-Artikolu 14(5);

c. id-dritt li l-komunità tar-riċerka tipparteċipa f'avvenimenti tal-LOFAR ERIC, bħal workshops, konferenzi, korsijiet ta' taħriġ.

2. Kull Osservatur għandu:

a. jikkontribwixxi ammont annwali għall-kostijiet ġenerali tal-operazzjonijiet u tal-iżvilupp tal-LOFAR ERIC, li jikkorrespondi għas-sehem tal-Osservatur mill-baġit annwali tal-LOFAR ERIC kif approvat mill-Kunsill f'konformità mal-Pjan Finanzjarju ppreżentat fl-Anness II;

b. jipparteċipa f'diskussjonijiet rigward il-politika u l-istrateġija fit-tul.

KAPITOLU 5

Il-parteċipazzjoni tal-Organizzazzjonijiet Kollaborattivi

Artikolu 19

Il-parteċipazzjoni tal-Organizzazzjonijiet Kollaborattivi

1. Il-LOFAR ERIC jista' jidħol fi ftehimiet ta' kollaborazzjoni ma' Organizzazzjonijiet Kollaborattivi f'pajjiżi li ma humiex Membru jew Osservatur tal-LOFAR ERIC. Jista' jiġi konkluż mhux aktar minn Ftehim ta' Kollaborazzjoni wieħed, li jirrappreżenta komunità nazzjonali, għal kull pajjiż.

2. L-Organizzazzjonijiet Kollaborattivi jridu, għas-sodisfazzjon tal-Kunsill, jikkontribwixxu għat-twettiq tal-kompiti u l-attivitajiet tal-LOFAR ERIC u jkunu rappreżentattivi tal-komunità nazzjonali li hija interessata fil-LOFAR ERIC.

3. Il-ftehim ta' kollaborazzjoni għandu jiġi konkluż mid-Direttur Eżekuttiv tal-LOFAR ERIC wara l-approvazzjoni tal-Kunsill. Il-ftehim ta' kollaborazzjoni għandu jistabbilixxi t-termini u l-kundizzjonijiet li taħthom l-Organizzazzjoni Kollaborattiva tista' tinvolvi ruħha mal-LOFAR ERIC u timpenja ruħha għall-kompiti u l-attivitajiet stabbiliti fl-Artikolu 3.

4. It-tul ta' żmien ta' dak il-Ftehim ta' Kollaborazzjoni għandu jkun konformi mar-regoli għat-tul ta' żmien tas-sħubija kif speċifikat fl-Artikolu 16. Il-Ftehim ta' Kollaborazzjoni għandu jistipula t-terminazzjoni jekk il-pajjiż tal-Organizzazzjoni Kollaborattiva jsir Membru jew Osservatur tal-LOFAR ERIC.

KAPITOLU 6

Mudell ta' Finanzjament u kontribuzzjoni

Artikolu 20

Riżorsi Finanzjarji

Ir-riżorsi finanzjarji tal-LOFAR ERIC għandhom jikkonsistu f'dawn li ġejjin:

a. kontribuzzjonijiet finanzjarji tal-Membri u tal-Osservaturi, inkluża kwalunkwe kontribuzzjoni in natura, f'konformità mal-Artikolu 21. Il-kontribuzzjonijiet finanzjarji għall-ewwel ħames (5) snin tal-LOFAR ERIC huma deskritti fil-Pjan Finanzjarju ppreżentat fl-Anness II;

b. kontribuzzjonijiet ospitanti;

c. riżorsi mill-Organizzazzjonijiet Kollaborattivi;

d. riżorsi oħrajn fil-limiti u skont it-termini approvati mill-Kunsill.

Artikolu 21

Kontribuzzjonijiet

1. Il-membri għandhom jagħmlu kontribuzzjonijiet annwali għall-baġit tal-LOFAR ERIC f'konformità mal-Pjan Finanzjarju, kif previst fl-Artikolu 22.

2. Il-Kunsill jista' jaċċetta kontribuzzjonijiet in natura, mill-Membri u mill-Osservaturi, f'konformità mal-Mudell Finanzjarju.

3. Il-kontribuzzjonijiet mill-Organizzazzjonijiet Kollaborattivi għandhom jiġu deċiżi mill-Kunsill fuq bażi ta' każ b'każ.

Artikolu 22

Pjan Finanzjarju

Mill-inqas kull 5 snin, id-Direttur Eżekuttiv tal-LOFAR ERIC għandu jissottometti abbozz ta' Pjan Finanzjarju lill-Kunsill għall-kunsiderazzjoni u l-approvazzjoni. Il-Pjan Finanzjarju jistabbilixxi l-bażi għall-kontribuzzjonijiet ta' kull Membru f'dan il-perjodu ta' 5 snin u l-baġit massimu miftiehem għal-LOFAR ERIC għall-istess perjodu. Il-Pjan Finanzjarju għandu jaderixxi mal-prinċipji tal-kontribuzzjonijiet tal-Membri u tal-Osservaturi mogħtija fil-Mudell Finanzjarju, u għandu jkun immirat lejn it-twettiq tal-Programm ta' Ħidma.

Artikolu 23

Prinċipji baġitarji, kontijiet u awditjar

1. Is-sena finanzjarja tal-LOFAR ERIC għandha tibda fl-1 ta' Jannar u tintemm fil-31 ta' Diċembru ta' kull sena. Il-baġit tal-LOFAR ERIC għandu jiġi kontabilizzat f'Euros.

2. Id-Direttur Eżekuttiv tal-LOFAR ERIC għandu jippreżenta baġit għas-sena ta' wara, għall-approvazzjoni mill-Kunsill, mhux aktar tard mill-1 ta' Ottubru.

3. Il-kontijiet tal-LOFAR ERIC għandhom ikunu akkumpanjati minn rapport dwar il-ġestjoni baġitarja u finanzjarja tas-sena finanzjarja.

4. Il-LOFAR ERIC għandu jkun soġġett għar-rekwiżiti tal-liġi tal-pajjiż fejn huwa għandu s-sede statutorja tiegħu fir-rigward tat-tħejjija, il-preżentazzjoni, l-awditjar u l-pubblikazzjoni tal-kontijiet.

Artikolu 24

Eżenzjonijiet mit-taxxa u mid-dazju tas-sisa

1. L-eżenzjonijiet mill-VAT ibbażati fuq l-Artikoli 143(1)(g) u 151(1)(b) tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE ([1]) u f'konformità mal-Artikoli 50 u 51 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 282/2011 ([2]), għandhom ikunu limitati għax-xiri ta' oġġetti u servizzi taħt iż-żewġ kundizzjonijiet li ġejjin:

— għall-użu uffiċjali u esklużiv mil-LOFAR ERIC, diment li tali xiri jsir biss għall-attivitajiet mhux ekonomiċi tal-LOFAR ERIC f'konformità mal-attivitajiet tiegħu

— mil-LOFAR ERIC u minn kwalunkwe Membru tal-LOFAR ERIC kif definit fl-Artikolu 9(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 723/2009 tal-25 ta' Ġunju 2009 dwar il-qafas ġuridiku Komunitarju applikabbli għal Konsorzju għal Infrastruttura Ewropea ta' Riċerka (ERIC).

2. L-eżenzjonijiet mill-VAT għandhom ikunu limitati għal xiri li jaqbeż il-valur ta' EUR 300.

3. L-eżenzjonijiet mid-Dazju tas-Sisa abbażi tal-Artikolu 11 tad-Direttiva tal-Kunsill 2020/262/UE ([3]) għandhom ikunu limitati għax-xiri mil-LOFAR ERIC għall-użu uffiċjali u esklussiv mil-LOFAR ERIC, diment li tali xiri jsir biss għall-attivitajiet mhux ekonomiċi tal-LOFAR ERIC f'konformità mal-attivitajiet tiegħu u li x-xiri jaqbeż il-valur ta' EUR 300.

4. Ix-xiri mill-membri tal-persunal ma huwiex kopert mill-eżenzjonijiet.

([1]) ĠU L 347, 11.12.2006, p. 1
([2]) ĠU L 77, 23.3.2011, p. 1
([3]) ĠU L 58, 27.2.2020, p. 17

Artikolu 25

Dekummissjonar

Il-LOFAR ERIC għandu r-responsabbiltà għad-dekummissjonar tal-hardware li huwa proprjetà tal-LOFAR ERIC. Il-Kunsill se jiżgura li l-LOFAR ERIC ikollu pjan ta' dekummissjonar adegwat (l-Artikolu 27(6)(e)). Id-dekummissjonar ta' hardware li jiġi kontribwit għall-operazzjonijiet ċentrali (mill-operaturi lokali, mis-sidien nazzjonali tal-faċilitajiet tal-LOFAR) huwa r-responsabbiltà tas-sid.

KAPITOLU 7

Governanza

Artikolu 26

Kunsill

1. Il-Kunsill għandu jkun il-korp governattiv tal-LOFAR ERIC u għandu jkun responsabbli f'konformità mad-dispożizzjonijiet ta' dawn l-Istatuti għad-direzzjoni u s-superviżjoni ġenerali tal-LOFAR ERIC. Il-Kunsill għandu jkun magħmul minn delegazzjonijiet li jirrappreżentaw lill-Membri u lill-Osservaturi tal-LOFAR ERIC.

2. Kull Membru għandu jinnomina delegazzjoni li tikkonsisti f'mhux aktar minn żewġ delegati. Kull Osservatur għandu jaħtar delegat wieħed.

3. Kull Membru għandu jiżgura li d-delegazzjoni tiegħu:

a. tingħata s-setgħa mill-Membru bl-awtorità sħiħa li tivvota f'ismu fuq is-suġġetti kollha diskussi matul il-laqgħa tal-Kunsill;

b. ikollha għarfien espert xjentifiku xieraq u l-kapaċità li tirrappreżenta lill-komunità ta' xjenzati li jagħmlu użu mill-faċilitajiet tal-LOFAR ERIC.

4. Id-delegazzjoni minn kull Membru għandu jkollha vot wieħed, irrispettivament min-numru ta' delegati.

5. Id-delegati kollha għandhom jiġu nnominati għall-Kunsill minn kull Membru u Osservatur; dan jenħtieġ li jsir bil-miktub lid-Direttur Eżekuttiv tal-LOFAR ERIC. Il-Membri u l-Osservaturi jżommu d-dritt li jirrevokaw in-nomina ta' kwalunkwe wieħed mid-delegati tagħhom fi kwalunkwe ħin, u li jinnominaw delegat ieħor minflokhom.

6. Fil-każ tan-nuqqas ta' delegat maħtur f'laqgħa partikolari, il-Membru jew l-Osservatur jista' jinnomina delegat supplenti. Tali nomina jenħtieġ li ssir bil-miktub lid-Direttur Eżekuttiv tal-LOFAR ERIC qabel il-laqgħa. F'dik il-laqgħa, id-delegat supplenti nnominat se jkollu d-drittijiet kollha tad-delegat li jissostitwixxi.

7. Id-direttur tal-istitut ospitanti tal-LOFAR ERIC għandu jirċievi stedina permanenti biex jattendi l-laqgħat tal-Kunsill, u għandu d-dritt li jesprimi l-opinjoni tiegħu fil-laqgħat, iżda ma huwiex parti mid-delegazzjoni tal-Pajjiż Ospitanti, u ma huwiex intitolat li jivvota.

8. Kull delegazzjoni ta' Membru tista' titlob il-preżenza f'laqgħa speċifika tal-Kunsill ta' espert addizzjonali wieħed; dan jenħtieġ li jsir bil-miktub lid-Direttur Eżekuttiv tal-LOFAR ERIC mill-inqas ġimagħtejn qabel dik il-laqgħa. Tali esperti se jkollhom id-dritt li jesprimu l-opinjoni tagħhom fil-laqgħa, iżda ma humiex intitolati li jitfgħu l-vot tal-Membru.

9. Il-Kunsill għandu mill-inqas ikollu l-awtorità li:

a. jiddeċiedi dwar l-istrateġija u l-politiki fit-tul tal-LOFAR ERIC;

b. jiddeċiedi mill-inqas kull 5 snin il-Programm ta' Ħidma u l-Pjan Finanzjarju assoċjat tal-LOFAR ERIC kif speċifikat fl-Artikolu 22, skont il-prinċipji stipulati fil-Mudell Finanzjarju;

c. jadotta l-baġit annwali tal-LOFAR ERIC;

d. jadotta r-rapport annwali tal-LOFAR-ERIC, u japprova l-kontijiet finanzjarji awditjati;

e. jiddeċiedi dwar id-dħul ta' Membru jew Osservatur ġdid;

f. jiddeċiedi dwar it-terminazzjoni ta' Sħubija jew status ta' Osservatur;

g. jiddeċiedi dwar il-proposti għal emendi tal-Istatuti;

h. jaħtar, jissospendi, ikeċċi u jissorvelja l-prestazzjoni tad-Direttur Eżekuttiv;

i. jiddeskrivi l-mandat u l-attivitajiet speċifiċi tad-Direttur Eżekuttiv

j. jipprovdi linji gwida għad-Direttur Eżekuttiv biex jikkonkludi Ftehim ta' Kollaborazzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 19;

k. joħloq u jkeċċi korpi konsultattivi kif jitqies meħtieġ;

l. jiddeċiedi li jibda kwalunkwe attività ġdida f'konformità mal-Artikolu 3(3)(g);

m. jiddeċiedi dwar kif wieħed għandu jaġixxi f'każ ta' avveniment ta' force majeure wara li jqis il-kontribuzzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 21.

10. Il-Kunsill għandu jeleġġi President u Viċi President minn fost id-delegati bil-maġġoranza tal-voti speċifikati fl-Artikolu 27(5)(g). Il-President u l-Viċi President għandhom jiġu eletti għal terminu ta' sentejn, li jista' jiġġedded darbtejn. Il-Viċi President għandu jissostitwixxi lill-President fin-nuqqas tiegħu jew f'każ ta' kunflitt ta' interess.

11. Il-Kunsill għandu jiltaqa' mill-inqas darba fis-sena. Il-laqgħat tal-Kunsill għandhom jissejħu mill-President mill-inqas erba' (4) ġimgħat qabel. Il-Kunsill jista' jiltaqa' fi kwalunkwe forma stabbilita fir-Regoli ta' Proċeduri.

12. Laqgħa tal-Kunsill tista' tintalab minn mill-inqas erbgħa mill-Membri.

Artikolu 27

Teħid ta' deċiżjonijiet fil-Kunsill

1. Il-Kunsill għandu jiddelibera u jiddeċiedi b'mod validu biss meta kworum ta' Membri bid-dritt tal-vot jiġi rrappreżentat u jipparteċipa fil-laqgħa. Il-kworum jeħtieġ li 75 % tal-Membri bid-dritt tal-vot ikunu preżenti.

2. Jekk il-kworum ma jintlaħaqx, għandha tissejjaħ it-tieni laqgħa fi żmien 4 ġimgħat, billi tinħareġ stedina ġdida, bl-istess aġenda. Fit-tieni laqgħa, il-kworum għandu jitqies li ntlaħaq jekk ikunu qed jipparteċipaw 50 % tal-Membri bid-dritt tal-vot.

3. Fir-rigward tad-deċiżjonijiet kollha, il-Kunsill għandu jagħmel ħiltu biex jikseb Kunsens Unanimu kif definit fl-Artikolu 12(12).

4. Fin-nuqqas ta' kunsens unanimu skont l-Artikolu 27(3), id-deċiżjonijiet għandhom jittieħdu permezz ta' vot tal-Membri kollha li jipparteċipaw u jivvotaw.

5. Id-deċiżjonijiet li ġejjin jittieħdu biss jekk ikunu appoġġati mill-Maġġoranza Kwalifikata kif definita fl-Artikolu 12(11):

a. deċiżjonijiet biex jiġu emendati l-istrateġija u l-politiki fit-tul, il-Programm ta' Ħidma tal-LOFAR ERIC, jew il-Pjan Finanzjarju;

b. deċiżjonijiet biex jiġi adottat jew emendat il-Baġit Annwali tal-LOFAR ERIC;

c. deċiżjonijiet biex jiġu adottati jew jinbidlu r-Regoli ta' Proċedura;

d. deċiżjonijiet biex jinħatar, jiġi sospiż jew imkeċċi d-Direttur Eżekuttiv (l-Artikolu 28);

e. deċiżjonijiet biex tiġi emendata l-implimentazzjoni tal-politika ta' Aċċess (l-Artikolu 6);

f. deċiżjonijiet biex jiddaħħal Membru jew Osservatur ġdid jew biex jiġi approvat ftehim ta' kollaborazzjoni ma' Organizzazzjoni Kollaborattiva (l-Artikoli 14 u 19);

g. deċiżjonijiet rigward il-ħatra tal-President u tal-Viċi President tal-Kunsill (l-Artikolu 26(10));

h. deċiżjonijiet dwar il-politika dwar id-Drittijiet tal-Proprjetà Intellettwali (l-Artikolu 9);

i. deċiżjonijiet biex tiġi adottata jew emendata l-politika dwar l-Impjiegi (l-Artikolu 10);

j. deċiżjonijiet biex jiġi adottat jew emendat il-protokoll ta' evalwazzjoni (l-Artikolu 7).

6. Id-deċiżjonijiet li ġejjin jeħtieġu l-Unanimità tal-Membri tal-LOFAR ERIC kollha li jipparteċipaw u jivvotaw, kif definit fl-Artikolu 12(12);

a. deċiżjonijiet biex jiġi emendat il-Mudell Finanzjarju, li jagħtu l-prinċipji tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji tal-Membru u tal-Osservatur (l-Artikolu 22);

b. deċiżjonijiet biex jiġu adottati jew emendati l-prinċipji tal-politika ta' Aċċess (l-Artikolu 6);

c. deċiżjonijiet biex tiġi sottomessa proposta lill-Kummissjoni biex jiġu emendati l-Istatuti;

d. deċiżjoni biex jiġi tterminat il-LOFAR ERIC;

e. deċiżjonijiet dwar id-dekummissjonar assoċjati mat-terminazzjoni, skont il-pjan ta' dekummissjonar kif regolat fl-Artikolu 25.

7. Id-deċiżjonijiet biex jiġi tterminat status ta' Sħubija jew ta' Osservatur jeħtieġu l-Unanimità kif definita fl-Artikolu 12(12) tal-Membri kollha li jipparteċipaw u jivvotaw, minbarra l-Membru li l-istatus tiegħu jkun qed jiġi deċiż.

8. Id-deċiżjonijiet imsemmija fl-Artikolu 27(5), 27(6) u 27(7) jistgħu jittieħdu biss jekk il-Membri kollha jiġu infurmati dwar id-deċiżjonijiet proposti mill-inqas ġimagħtejn qabel il-laqgħa.

9. Maġġoranza sempliċi tal-voti mitfugħa għandha tkun biżżejjed biex ikunu jistgħu jittieħdu d-deċiżjonijiet l-oħrajn kollha.

Artikolu 28

Direttur Eżekuttiv

1. Il-Kunsill għandu jaħtar id-Direttur Eżekuttiv tal-LOFAR ERIC f'konformità mal-proċedura adottata mill-Kunsill. It-terminu għad-Direttur Eżekuttiv għandu jkun ta' ħames (5) snin, li jista' jiġġedded fuq deċiżjoni tal-Kunsill.

2. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jkun ir-rappreżentant legali tal-LOFAR-ERIC.

3. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jkun responsabbli għall-implimentazzjoni tad-deċiżjonijiet tal-Kunsill u għall-ġestjoni ta' kuljum tal-attivitajiet operattivi kollha tal-LOFAR ERIC. Fost l-oħrajn, id-Direttur Eżekuttiv iħejji l-Baġit Annwali, il-Pjan Finanzjarju u l-Programm ta' Ħidma. Id-Direttur Eżekuttiv huwa appoġġat mill-Uffiċċju ta' Koordinazzjoni u Appoġġ.

Artikolu 29

Uffiċċju ta' Koordinazzjoni u Appoġġ

L-Uffiċċju ta' Koordinazzjoni u Appoġġ tal-LOFAR ERIC għandu jkun l-uffiċċju tal-ġestjoni ċentrali għall-operazzjonijiet ta' kuljum tal-LOFAR ERIC. Huwa jappoġġa l-ġestjoni ta' kuljum tal-LOFAR-ERIC, inkluża l-assistenza lill-Kunsill. Huwa għandu jitwaqqaf u jiġi ġestit mid-Direttur Eżekuttiv. Il-baġit għall-funzjonament tas-CSO huwa kopert fil-Pjan Finanzjarju ppreżentat fl-Anness II.

Artikolu 30

Kumitat Konsultattiv Xjentifiku

1. Il-Kunsill għandu jistabbilixxi Kumitat Xjentifiku Konsultattiv (SAC) biex jipprovdi pariri indipendenti u:

— jagħti feedback lid-Direttur Eżekuttiv u lill-Kunsill dwar il-kwalità xjentifika tal-attivitajiet tal-LOFAR ERIC;

— jipprovdi rakkomandazzjonijiet għall-iżvilupp tal-funzjonalitajiet u l-attivitajiet xjentifiċi u teknoloġiċi tal-LOFAR ERIC.

2. Il-Kunsill għandu jaħtar il-membri tal-SAC, li għandhom ikunu persuni b'esperjenza fl-oqsma rilevanti għal-LOFAR. L-għadd ta' membri tal-SAC, it-termini ta' referenza u r-regoli ta' proċedura għandhom jiġu definiti mill-Kunsill.

Artikolu 31

Kumitat Finanzjarju

1. Il-Kunsill għandu jistabbilixxi Kumitat Finanzjarju (FC) biex jassisti lid-Direttur Eżekuttiv fit-tħejjija tal-Pjan Finanzjarju u tal-baġit annwali għar-rieżami u l-approvazzjoni mill-Kunsill. Il-Kumitat Finanzjarju jista' jassisti wkoll lid-Direttur f'każijiet fejn ikun meħtieġ ippjanar finanzjarju strateġiku ieħor.

2. L-operat tal-FC għandu jiġi spjegat fid-dettall fir-Regoli ta' Proċedura tal-FC, li għandhom jiġu definiti mill-Kunsill.

KAPITOLU 8

Mixxellanji

Artikolu 32

Politika dwar id-*data*

1. B'mod ġenerali, il-prinċipji tax-Xjenza Miftuħa u tal-Aċċess Miftuħ, bħal dawk offruti mill-politika tal-UE dwar ix-xjenza miftuħa, għandhom jiġu ffavoriti.

2. Il-LOFAR ERIC għandu jipprovdi gwida (inkluż permezz tas-sit web) lill-utenti biex jiżgura li r-riċerka mwettqa bl-użu ta' materjal li jsir aċċessibbli permezz tal-LOFAR ERIC issir fi ħdan qafas li jirrikonoxxi d-drittijiet tas-sidien tad-*data* u l-privatezza tal-individwi.

3. Il-LOFAR ERIC għandu jiżgura li l-utenti jaqblu mat-termini u l-kundizzjonijiet li jirregolaw l-aċċess u li jkun hemm fis-seħħ arranġamenti adegwati tas-sigurtà fir-rigward tal-ħżin u l-immaniġġar interni.

4. Il-LOFAR ERIC għandu jiddefinixxi arranġamenti għall-investigazzjoni tal-allegazzjonijiet ta' ksur tas-sigurtà u tad-divulgazzjonijiet tal-kunfidenzjalità fir-rigward tad-*data* tar-riċerka.

Artikolu 33

Politika dwar l-Implikazzjonijiet Etiċi, Legali u Soċjali

Il-Kunsill tal-LOFAR ERIC għandu jadotta politika dwar l-implikazzjonijiet etiċi, legali u soċjali dwar il-kwistjonijiet kollha rilevanti għall-operazzjonijiet tal-LOFAR ERIC, inklużi l-integrità tar-riċerka u l-evalwazzjoni xjentifika, il-kwistjonijiet ta' impjieg, id-diversità u l-inklużjoni, u s-sostenibbiltà. Din il-politika għandha tapplika għall-attivitajiet kollha tal-LOFAR ERIC.

Artikolu 34

Rapportar lill-Kummissjoni Ewropea

1. Il-LOFAR ERIC għandu jipproduċi rapport annwali tal-attività, li b'mod partikolari għandu jinkludi l-aspetti xjentifiċi, operattivi u finanzjarji tal-attivitajiet tiegħu. Ir-rapport għandu jiġi approvat mill-Kunsill u jiġi trażmess lill-Kummissjoni Ewropea u lill-awtoritajiet pubbliċi rilevanti fi żmien 6 xhur mit-tmiem tas-sena finanzjarja korrispondenti. Dan ir-rapport għandu jkun disponibbli għall-pubbliku.

2. Il-LOFAR ERIC għandu jinforma lill-Kummissjoni Ewropea bi kwalunkwe ċirkostanza li thedded li tipperikola serjament il-kisba tal-kompiti tal-LOFAR ERIC jew li tfixkel lil-LOFAR ERIC milli jissodisfa r-rekwiżiti stipulati fir-Regolament (KE) Nru 723/2009.

Artikolu 35

Liġi applikabbli

Il-funzjonament intern tal-LOFAR ERIC għandu jkun regolat:

a. mid-dritt tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari r-Regolament (KE) Nru 723/2009 u d-deċiżjonijiet imsemmija fl-Artikoli 6(1)(a) u 11(1) tar-Regolament;

b. mil-liġi tal-Pajjiż Ospitanti, fejn il-LOFAR ERIC għandu s-sede statutorja tiegħu, fil-każ ta' kwistjonijiet mhux regolati, jew li jkunu regolati parzjalment biss, mill-atti msemmija fil-punt (a);

c. minn dawn l-istatuti u mir-regoli ta' implimentazzjoni tagħhom.

Artikolu 36

Tilwim

1. Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea għandu jkollha ġuriżdizzjoni fuq il-litigazzjoni fost il-Membri b'rabta mal-LOFAR ERIC, bejn il-Membri u l-LOFAR ERIC u fuq kwalunkwe litigazzjoni li fiha l-Unjoni tkun parti.

2. Il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni Ewropea dwar il-ġuriżdizzjoni għandha tapplika għat-tilwim bejn il-LOFAR ERIC u partijiet terzi. F'każijiet mhux koperti mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni Ewropea, hija l-liġi tal-Istat fejn il-LOFAR ERIC għandu s-sede statutorja tiegħu li għandha tiddetermina l-ġuriżdizzjoni kompetenti għar-riżoluzzjoni ta' tali tilwim.

Artikolu 37

Aġġornamenti u disponibbiltà tal-istatuti

L-Istatuti għandhom jinżammu aġġornati u jkunu disponibbli għall-pubbliku fuq is-sit web tal-LOFAR ERIC u fis-sede statutorja.

Artikolu 38

Dispożizzjonijiet dwar it-twaqqif

1. L-ewwel laqgħa tal-Kunsill għandha tissejjaħ mill-Pajjiż Ospitanti, fejn il-LOFAR ERIC ikollu s-sede statutorja tiegħu, mill-aktar fis possibbli wara li tidħol fis-seħħ id-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea li twaqqaf il-LOFAR ERIC.

2. Qabel ma ssir l-ewwel laqgħa u mhux aktar tard minn ħamsa u erbgħin (45) jum kalendarju wara li tidħol fis-seħħ id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li twaqqaf il-LOFAR ERIC, il-Pajjiż Ospitanti għandu jinnotifika lill-Membri Fundaturi u lill-Osservaturi bi kwalunkwe azzjoni legali urġenti speċifika li jeħtieġ li tittieħed f'isem il-LOFAR ERIC. Sakemm Membru Fundatur ma joġġezzjonax fi żmien ħamest (5) ijiem tax-xogħol wara li jiġi nnotifikat, l-azzjoni legali għandha titwettaq minn persuna debitament awtorizzata mill-Pajjiż Ospitanti.

3. Il-Kunsill għandu jaħdem mill-qrib mal-ILT biex jikkonkludi u mbagħad jippermetti l-eżekuzzjoni ta' Ftehim ta' Tranżizzjoni bejn l-ILT u l-LOFAR ERIC, li jirregola, fost l-oħrajn, it-trasferiment tal-assi u l-obbligazzjonijiet.

ANNESS I

Lista ta' Membri u Osservaturi tal-LOFAR ERIC u l-Entitajiet Rappreżentanti tagħhom

F'dan l-Anness hemm lista tal-Membri u l-Osservaturi, u tal-entitajiet li jirrappreżentawhom. L-Anness I għandu jiġi aġġornat mid-Direttur Eżekuttiv fuq bażi regolari.

Membri

Pajjiż	Entità Rappreżentanti
Ir-Repubblika tal-Bulgarija	L-Istitut tal-Astronomija u l-Osservatorju Nazzjonali tal-Astronomija (IANAO) tal-Akkademja Bulgara tax-Xjenzi
Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja	Thüringer Landessternwarte (TLS)
Ir-Repubblika tal-Irlanda	L-Istitut ta' Dublin għall-Istudji Avvanzati (DIAS)
Ir-Repubblika Taljana	Istituto Nazionale di Astrofisica (INAF)
In-Netherlands	Stichting Nederlandse Wetenschappelijk Onderzoek Instituten (NWO-I)
Ir-Repubblika tal-Polonja	Il-Ministeru tal-Edukazzjoni u x-Xjenza

Il-LOFAR ERIC se jkollu l-Organizzazzjonijiet Kollaborattivi li ġejjin:

— Franza: Centre National de Recherche Scientifique (CNRS)

— Il-Latvja: Iċ-Ċentru Internazzjonali ta' Ventspils għall-Astronomija tar-Radju (VIRAC)

— L-Iżvezja: L-Osservatorju Spazjali ta' Onsala (OSO)

— Ir-Renju Unit: Il-Kunsill tal-Faċilitajiet tax-Xjenza u t-Teknoloġija - Riċerka u Innovazzjoni tar-Renju Unit (STFC-UKRI)

ANNESS II

Pjan Finanzjarju tal-LOFAR ERIC

Ara d-dokument separat.